**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' April 2019**

**Rikors Numru : 508/2018 JPG**

**Kawza Numru : 31**

**SE, detentrici tal-karta tal-identita' numru X**
**Vs**
**GF detentur tal-karta tal-identita' numru Y**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur ta' SE, detentrici tal-karta tal-identita' numru X, datat 15 ta' Novembru, 2018 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija zzewget lil GF fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disghin (1990), certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. SEA.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg taghhom twieldu zewgt (2) ulied, BF, u KF, illi llum huma it-tnejn maggorenni.*

3. *Illi l-esponenti ilha ferm aktar minn erba' snin tghix separatament mill-imsemmmi GF, u in fatti il-partijiet kienu anke separaw de jure fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu (08) tas-sena elfejn u seba' (2007) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li gie redatt, ippublikat u registrat fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Roland J. Wadge, li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. SE2;*

4. *Illi l-esponenti tiddikjara li m'hemm l-ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront tal-imsemmi zewgha GF u anqas fil-konfront ta' tfal taghhom.*

5. *Illi llum, zgur illi ma hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom.*

6. *Illi ma ghad fadal l-ebda assi fil-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet illi jehtieg li jigu divizi jew likkwidati;*

7. *Illi ghalhekk jezistu ir-rekwiziti fl-intier taghhom ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili li naturalment huma sodisfatti wkoll fit-totalita' taghhom.*

*GHALDAQSTANT, l-esponenti bil-qima titlob illi dina l-Wisq Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tippronunzja d-divorzju taz-zwieg SE dententrici tal-art tal-identita' numru X u bejn l-imsemmi GF, detentur tal-karta tal-identita' Y ai termini tal-Artikoli 66A sa 66N tal-Kodici Civili; u*

b) *Tordna sabiex dan l-istess divorzju hekk ippronunzjat bejn l-istess partijiet, jigi notifikat lid-Direttur sabiex isiru l-annotazzjonijiet kollha necessarji ghar-registrazzjoni pubblika ta' dan l-istat hekk deciz u kif ikkonfermat minn din il-Wisq Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li min issa huwa ingunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' GF (Y), datata 7 ta' Dicembru, 2018, a fol 20, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors tal-15 ta' Novembru 2018;*

*Illi l-esponenti mhux joggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti li jigi pronunzjat d-divorzju taz-zwieg bejn il-partijiet u li sussegwentement jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jigi r-registrat;*

*Illi madanakollu l-esponenti joggezzjona bis-shih li l-ispejjez tal-proceduri odjerni jigu a karigu tieghu kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma tordnax li l-proceduri odjerni jibqghu bla taxxa. F'din l-eventwalita', l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GF** xehed a fol 22 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Marzu 1990 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fid-29 t'Awissu 2007 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt 'itfal, li llum -il gurnata huma maggorenni u jahdmu *full time.* Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**SE** xehdet a fol 18 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tal-intimat.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

***divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
***[...]***

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar it-23 ta' Marzu, 1990 (Vide Dok. SE1 a fol 16 u 17) u illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied illum maggorenni;

Il-partijiet ilhom separati legalment permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Awwissu, 2007 in atti tan-Nutar Dr. Roland J.Wadge (Vide Dok SE2 a fol 6 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**